MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 67/2000/1

**AVVIZ NUMRU 67/2000**

**Korporazzjoni Enemalta**

**-vs-**

**Ganpet Ltd u John Xiberras**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tal-Korporazzjoni attrici fejn talbet illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici l-ammont ta' hames mija u sitta u sittin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm566.83) dovuti lill-istess korporazzjoni attrici bhala penali wara li s-socjeta' konvenuta abbandunat il-kuntratt b'referenza E/Et/60/1/99 li gie moghti lill-istess socjeta' konvenuta fl-24 ta' Jannar

2000, ghall-ezekuzzjoni ta' liema kuntratt, il-konvenut John Xiberras dahal garanti in solidum.

Bl-imghax legali skond il-ligi mit-23 ta' Gunju 2000 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2000 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu mharka.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ganpet Limited u John Xiberras fejn eccepew:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-kumpanija Ganpet Limited ma abbandunatx il-kuntratt izda biss m'accettatx li jigu imposti fuqha kundizzjonijiet godda oltre dawk li kien hemm fil-kuntratt.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni Enemalta huwa wiehed esagerat u mhux gustifikat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza joriginaw minn 'tender' mahrug mill-Korporazzjoni fit-30 ta' Lulju 1999 ghall-garr u twahhil ta' arbli tad-dawl f'Ghawdex u Kemuna, jew aktar preciz, fi kliem testwali l-ispecifikazjonijiet taghha, 'for the excavation of pole foundation holes and for the erection and uplifting of steel and ferro-concrete poles'. Esebit fl-atti hemm it-'tender' komponenti l-kundizzjonijiet, l-ispecifikazzjonijiet u l-prezzijiet taghha li kif evidenzjat minn ittra datata 24 ta' Jannar 2000 (folio 62) giet aggudikata lis-socjeta' konvenuta li da parti taghha

kkonfermat l-accettazzjoni taghha b'ittra datata 1 ta' Frar 2000 (folio 34).

Issa relattivament il-kundizzjonijiet inkorporati fid-dokumenti akkluzi mat-'tender' u formanti parti integrali tieghu hemm is-segwenti kundizzjonijiet li jincidu fuq l-ezitu tal-kawza. Dawn huma:

- li fid-dokument intestat 'Form of Tender' (folio 23) is-socjeta' konvenuta ntrabtet "that this shall not be retracted or withdrawn for a period of six calendar month from the date of expiration of the period fixed for its delivery, inclusively, but shall remain binding and may be accepted by the Corporation at any time during the said period of six calendar month", liema accetazzjoni, da parti tal-Korporazzjoni, saret entro s-sitt xhur kif evidenzjat mill-ittra tal-24 ta' Jannar 2000, fuq citata, tali li vvinkolat l-kontrattur li f'dan l-perjodu minimu (fil-kaz prezenti) ta' sitt xhur ma jirritattax jew jirtira l-offerta tieghu li jesegwixxi x-xoghol taht il-prezzijiet stipulati;

- li fl-ispecifikazjonijiet annessi mat-'tender' hemm stipulat taht l-intestatura 'Abandonment' li: " Should the Contractor abandon the work he will be liable to a penalty of 10% of the contract value plus a compensation which may be due for damages. The work will be considered to have been abandoned if the Contractor fails to commence it within 6 days from the date of notice or if he stops work for 3 days without previously obtaining permission from Enemalta Corporation", liema klawsola tinsab inserita wkoll fil-"General Conditions of Contract", wkoll parti mit-'tender', bid-differenza li waqt li f'dawn il-kundizzjonijiet generali l-abbandun jigi jsehh wara tant granet "from the date of the acceptance of tender", fil-kundizzjonijiet annessi ma' l-ispecifikazzjonijiet l-abbandun hu implicitu "from date of notice" li allura jippresupponi l-"prior written notice of five days…for the commencement of work" kif kontemplat fil-klawsola numru 9 tal-imsemmija specifikazzjonijiet.

- li fl-ittra ta’ accettazjoni da parti tal-Korporazzjoni tal-24 ta’ Jannar 2000, fuq imsemmija, accettata mis-socjeta’ konvenuta, kif gja ntqal, bl-ittra tal-1 ta’ Frar 2000, jinghad li l-kuntratt, ossija t-‘tender’, “is governed exclusively by the conditions for the execution of works in Malta, Gozo & Comino and shall run from the date of this letter till the end of September 2000”, li stabbilit d-data meta x-xoghol kellu jkun esegwit.

Intant jirrizulta, mhux kontestat, li s-socjeta’ konvenuta wara l-konferma u l-accettazjoni skond l-ittra taghha tal-1 ta’ Frar 2000, segwita minn korrispondenza skambjata u nkontru mar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni, iddikjarat unilateralment li kienet qeghdha tirrifjuta tesegwixxi t-‘tender’ minhabba, kif spjegat, l-kwistjoni tal-garr u trasport ta’ l-arbli li hi sostniet kellu jsir minn Ghawdex u mhux Malta.

Illi dwar dan li hu l-pern tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta l-Qorti mhux qeghdha tirriskontra ebda gustifikazzjoni da parti ta’ l-istess socjeta’ konvenuta. Dak li hi fehmet meta kkwotat ghat-‘tender’ m’hu ta’ goviment xejn ghaliha fid-dawl tal-klawsola cara u esplicita fl-ispecifikazzjonijiet annessi mal-istess ‘tender’ (klawsola numru 4b) fejn espressament jinghad li: “Poles shall be transported from general stores <u>or from any other place</u> by the Contractor’s own transport to the site of works as indicated by the Enemalta Chairman or his representative”(sottolinjar tal-Qorti). Klawsola cara u univoka li ma thallix lok ghall-interpretazzjoni u li timporta l-applikazzjoni tal-principju li mhux biss il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede izda wkoll li ‘pacta sunt servanda’ tant li kien jinkombi biss fuq s-socjeta’ konvenuta li ticcara l-punt qabel l-accettazzjoni minnha tat-‘tender’. It-talba tal-Korporazzjoni ghall-hlas tal-penali hi ghalhekk gustifikata u ghandha, kif ser tigi, akkolta u l-ewwel eccezzjoni ser konsegwentement tigi michuda.

Ikkunsidrat:

Li bit-tieni eccezzjoni s-socjeta’ konvenuta eccepiet li f’kull kaz l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat u mhux gustifikat.

Jibda biex jinghad fuq dan li l-penali tirrispekkja l-valuri kkwotati u accettati. L-ammont mitlub ta’ hames mija sitta u sittin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm566.83) jirrizulta li hu fil-limitu tal-ghaxra fil-mija tal-valur intier tal-kuntratt, kif ghandu jirrizulta minn kalkolu semplici tal-valuri. Ghalhekk, mhux korrett li jinghad li l-ammont hu esagerat u mhux gustifikat wkoll satnte li m’hemmx bazi ghal tibdil jew tnaqqis li hu biss permess fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili li ma jaghmilx ghal dan il-kaz.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut John Xiberras is-solidarjeta’ tieghu bhala garanti in solidum tinsab ben pruvata kif juri fic-car id-dokument folio 23.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta ta’ dan fuq espost issib li t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici jisthoqqilhom jigu akkolti u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti rigettati. Qeghdha ghalhekk il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti in solidum li jhalsu l-ammont ta’ hames mija u sitta u sittin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm566.83) lill-Korporazzjoni attrici bl-imghax mit-23 ta’ Gunju 2000 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha ta’ din il-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------